

# Il-Misteri tad-Dawl

**Promulgati mill-Papa San Ġwann Pawl II fis-16 t'Ottubru, 2002 u mħabbrin minn qabel fl-1957 minn San Ġorġ Preca.**

**Huma verament tad-Dawl – għax bil-Missjoni Messjanika u Pastorali tiegħu, b'Ġesù feġġ Dawl fid-dlamijiet tad-dinja. Osserva lil Ġesù li b'ġenerożità u qlubija joħroġ biex ikun is-Salvatur kif ifisser ismu: Jahweh Isalva – fi kliem ieħor, m'hemmx salvazzjoni jekk mhux f'dan u f'dan biss Ġesù ta' Nazaret!**

**Fil-Ġordan il-Missier ibierku u jippreżentahulna bħala Ibnu l-Maħbub waqt li l-Ispirtu jikkonsagrah.**

**F'Kana tal-Galilea, jinawgura ż-Żmien tal-Mirakli – is-Sinjali Messjaniċi u azzjonijiet ta' ħelsien.**

# POTENTIA CORONA

**josephfenech409@gmail.com**
**Ħarġa Nru 17**

**Jiftah il-kors ta' tlett snin ta' Evanġelizazzjoni – Id-Dawl joħroġ fid-dlam tad-dinja.**

**Fuq it-Tabor, waqt mument ta' talb, jidher fil-glorja li għad tidher fih wara l-ġrajjiet li kellhom iseħħu f'Ġerusalemm fil-Passjoni, Mewt u Qawmien.**

**Fil-Kamra ta' Fuq – awl il-lejl ta' tbatijietu, waqt li l-egħdewwa jikkonfoffaw biex jeliminawh, hu joħloq mezz kif jibqa' magħna – l-Ewkaristija!**



**Ħu gost u tgħaxxaq ikkontempla din il-ġrajja ta'Alla fostna f'dawn il-Misteri tad-Dawl.**

## FIL-ĦABS IR-RUŻARJU SALVANI

**Hekk stqarr il-poeta Kuban VALLS ARANGO wara li nħeles mill-ħabs fejn għadda għoxrin sena prigunerija. Arango kien ġie kkundannat fit-8 ta' Mejju, 1964.**

**Wara li ħareġ mill-ħabs, Valls Arango stqarr ma' xi ġurnalisti minn Pariġi: 'Mingħajr l-għajnuna ta' Alla u tal-Verġni Marija żgur li ma kienx jirnexxili nibqa' ħaj. It-Talb u l-Meditazzjoni u fuq kollox, ir-Rużarju – dawn kienu li salvawni.**

Mir-rivista Madre di Dio Nov 1984

**Ir-Rużarju huwa l-aktar għamla eċċellenti ta' talb u l-aktar mezz effikaċi biex tikseb il-ħajja ta' dejjem. Huwa r-rimedju għal kull ħażen tagħna, l-għerq ta' kull barka tagħna. M'hemmx mod aktar eċċellenti ta' kif titlob.**

**Il-Papa Ljun XIII**